Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAD-DISGHA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL**
**Kontinwazzjoni**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 28 ta' Settembru 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**Prezenti/Skuzati: Kulhadd kien prezenti u fil-hin.**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Din il-laqgha giet ippreseduta mis-Sur Norbert Pace, Sindku.**

Is-Sur Pace radt is-salib u l-laqgha bdiet. Is-Sur Pace qal li din il-laqgha hi kontinwazzjoni tal-laqgha precedenti biss xtaqt iressaq xi haga. Talab lis-Segretarju Ezekuttiv tkompli bil-korrispondenza tal-ahhar darba li ma tressqetx kollha u wara ikompli hu.

**1. KORRISPONDENZA**

🗁Fax minghand Carmel Cuschieri datata Mejju rigward.... hawn is-Sur Bonnici nterrompa l-laqgha ghax fis-Sala dahlu zewg persuni, membri tal-istampa minn Net TV u saqsa ghala dawn qeghdin prezenti. Is-Sur Pace irrisponda li din hi laqgha pubblika w'ghaldaqstant ghandhom dritt ikunu prezenti. Is-Sur Bonnici qam minn postu u hareg barra mill-kamra jaghmel telefonata. Is-Segretarju Ezekuttiv kompliet billi qalet li l-ittra hi datata 20 t'Awissu titlob li titmexxa l-iskip li hemm fi Triq Santa Katerina ma' Triq il-Pitkali u li tigi rrangata l-bankina. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din l-ittra ga kienet prezenta Kunsill fl-20 ta' Mejju imma r-resident rega' bghata fax u nsista li tigi diskussa. Is-Sur Cassar qal li din hi wahda mill-iktar skips nodfa li ghandna go H'Attard, mijiex eyesore, mhijiex ta' periklu u ma jarax ghala ghandha titnehha apparti li kif qal ukoll is-Sur Pace jekk issir bankina f'din l-area ma jkunx hemm minn fejn johrog l-ilma tal-bokki li jghatu ghal Santa Katerina. Is-Sur Cordina qal li qatt ma kien hemm ilmenti fuqhom u in generali kulhadd qabel li ghandu jsir sforz biex jinzammu ndaf. Is-Sur Bonnici dahal fil-kamra u rega' ha postu. Is-Sur Spiteri hawn qal li waqt laqgha tal-kumitat kongunt u saqsa jekk ghadhomx jezistu l-Green Wardens. Fil-fatt dawn ghadhom jezistu qalet is-Segretarju Ezekuttiv u s-Sur Raphael Carabott talab laqgha mal-Kunsill fuq dawn u fuq xi problemi li hemm hdejn l-iskola.

Is-Sur Bonnici rega' nterrompa l-laqgha jitlob lill-mezzi tax-xandir biex ma jigbdux fuqu. Hu qal li din hi prerogottativa ta' Kunsillier li ma jigbidx fuqu u ghandu dritt bhala Kunsillier ghax saqsa l-Avukat u li jekk irid jista' jkellmu s-Sindku issa stess. Qal koll li saret bizzejjed hsara lilu u lill-familja tieghu.

Is-Sur Pace qal li jista' jkellem l-Avukat tieghu kemm irid imma din hija laqgha pubblika w'ghaldaqstant jistghu jaghmlu li jridu.

F'dan il-waqt hu talab sospensjoni tal-laqgha sabiex juri l-Kunsill fotokopja ta' artiklu li deherfuq it-Torca u l-Malta Today li tqassmet H'Attard fir-residenzi u li hu qed jissuspetta li tqassmet minn xi membru tal-Kunsill imma ma jistax jghid minn min u li ghandu suspett li l-fotokopji saru fl-Ufficcju tal-Kunsill. Is-Sur Pace kompla billi qal li hu jiddepplora dan l-att li sar

u jiddeplora wkoll l-att li kien sar fil-Pjazza tar-rahal issa li harget pubblika li dan l-att sar minn membru tal-Kunsill.

Is-Sur Zammit qal li hu ma jaqbilx ma kif gie rrappurtat li tkisser iz-zuntier tal-Knisja ghax fil-fatt dawn il-balavostri m'ghandhom x'jaqsmu xejn maz-zuntier. Hu qal li gie rrapurtat hazin u mhux kif qed jghid is-Sindku mizinterpretat.

Is-Sur Cordina qal li dan l-artiklu zgur ma tistax tghid li sar bil-*photocopier* tal-Kunsill imma l-ittri li produca hu li huma annessi ma dawn il-minuti iva ghax sabhom hu fil-*photocopier* u jappartjenu lis-Sur Bonnici. Huma zewg ittri wahda datata 3 ta' Novembru 2009 minghand Cilia and Associates lill-Ispettur tal-Pulizija B'Kara ghan-nom tal-klijent tieghu is-Sur Bonnici u l-ohra datata 6 ta' Settembru 2009 lill-Mexxej tal-Partit Laburista iffirmata mis-Sur Bonnici.

Is-Sur Pace saqsa s-Sur Bonnici jammettix li dawn huma tieghu? Is-Sur Bonnici rega' talab lill-mezzi tax-Xandir biex ma jigbdux fuqu u li l-ittri huma tieghu bhalma huma tieghu il-biljetti tas-Super 5 li s-Sur Pace ghandu f'idu u bhalma gieli ghamlu qabel. Hu rrimarka xi ksuhat hu dan...u filwaqt li rrisponda l-mobile qal li s-Sur Pace ma jridx itih il-biljetti.

Is-Sur Pace talab li titkompla l-laqgha u li jrid iressaq mozzjoni li ghandu d-dritt kollu li jressaq. Is-Sur Bonnici rega' talab il-biljetti sabiex ikun jista' jitlaq l'hemm. Is-Sindku rriffjuta li jtihomlu ghax il-laqgha ma kienetx spiccat.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv taqra l-mozzjoni u wara li nqrat talab min irid jissekondah. Is-Sur Cassar qal li l-mozzjoni trid tigi prezentata sitt ijiem qabel sabiex ikunu jistghu isiru l-emendi necessarji. Is-Sur Pace qal li mozzjoni urgenti ta' Sindku m'hemm ghalfejn tigi prezentata qabel imma jekk iridu jistghu ihalluha ghall-laqgha li jmiss. Id-Dottoressa Gauci Baluci qalet li l-ahjar wiehed jaqraha u jkun jista' jemenda dak li jrid u kif qal Is-Sur Cassar jghoddu s-sitt ijiem mill-lum. Is-Sur Cassar qal li hu ga ddepplora l-vandalizmu sena ilu.

Is-Sur Bonnici rega talab il-biljetti biex jitlaq l'hemm. Is-Sur Spiteri talab lis-Sur Bonnici jibqa' u dan qal li jekk jieqaf jigbed jibqa' ghax hu m'ghandux x'jahbi u wehel il-piena u ghaldaqstant m'ghandux iktar xi jzid u telaq il-barra.

Is-Sur Pace radd lura l-biljetti lis-Sur Bonnici. Is-Sur Spiteri qal li mozzjoni dejjem giet ipprezentata sitt ijiem qabel filwaqt li s-Sur Zammit rega' tenna li hu qatt ma qabel mal-vandalizmu u li dejjem ikkundannah u li hu kieku qatt mhu sa jasal biex jaghmilha imma issa qed intawluha zzejjed. Is-Sur Spiteri qal li s-Sur Bonnici hu responsabbli mill-ordni pubblika u li peress bhalha Kunsilliera huma committed ma jistghux isiru certi affarijiet.

Is-Sur Cordina qal bir-rispett kollu li xorta ghandu jigi ddeplorat dan l-att ghax hadd minnhom mhu qatt sa jasal biex jaghmel hekk u mhux meta filghaxija kompla s-Sur Pace xorta nfetah il-passagg ghal kuntrarju ghal dak li stqarr hu li nfetah passagg ghad-dizabbli meta thalliet il-kurduna xorta. Din is-sena fil-fatt qal is-Sur Zammit ma nfetah xejn u la gew fiha jipproponi li qatt ma jinqala xejn u li kieku kien hemm problema xorta kien idur id-dawra. U qal li ma jaqbilx mal-vandalizmu imma li jigi rrapurtat hekk fuq it-televizjoni meta bniedem ghandu familja irid ikollok kuxjenza ta.

Is-Sur Bonnici hawn irritorna u rega' pogga bil-qeghda.

Il-laqgha tkompliet u s-Sur Pace saqsa li s-Sr Cassar jifhimx fil-kompjuter minhabba li issa li giet iccarata l-bicca x-xoghol tal-laptops hemm bzonn li s-Segretarju Ezekuttiv ikollha laptop sabiex tkun tista' tirraporta l-laqghat dak il-hin u sabiex tkun tista' tkompli x-xoghol tal-Kunsill waaqt il-hin liberu taghha. Is-Sur Cassar ra zewg kwotazzjonijiet li s-Segretarju produciet u

qabel li ghandu jinxtara l-Acer ghax irhas u fih iktar specifikazzjonijiet. Il-kwotazzjoni giet iffirmata.
Is-Sur Pace rega' qabez fuq il-mozzjoni li ghandha tigi sekondata u talab li tigi ffirmata. Is-Sur Cordina ssekonda, flimkien mad-Dott. Gauci Baluci u s-Sur Spiteri. Is-Sur Bonnici ma qabilx li din tigi ffirmata min izjed minn tnejn u gie mitlub ma jkomplix jinterrompi. Is-Sur Spiteri rega' tenna li ma tistax fil-pozizzjoni li ghandhom tkun Kunsillier mtella' mir-residenti meta hemm sentenza mill-Qorti kontra dak li hu responsabbli fuqu hu u li ma din il-mozzjoni jaqbel. Is-Sur Bonnici qal li telghuh l-qorti ressquh u ammetta u li dan mhux ghax xi hadd fetah halqu. Hawn il-Kunsill kollu qal li hadd minnhom ma telghu il-Qorti imma l-Pulizija ghamlet xogholha e basta. Is-Sur Spiteri tenna li hadd minnhom ma mar jaqleb parapetti. Is-Sur Bonnici hawn akkuza lil xi membri tal-Kunsill li kienu huma li gabu l-media.

Gie deciz li l-mozzjoni ghandha tigi deciza laqgha ohra.

🗁 Ittra minghand l-Avukat Tonio Azzopardi ghan-nom ta' residenta s-Sinjura Connie Ellul Micallef li toqghod Karm Debono u li talbet id-danni lill-Kunsill talli dahlula fil-parapett li din mhux l-ewwel darba u li dejjem sewwiet ghas-spejjes taghha talli l-Kunsill qatt m'ghamilha u-bend. Is-Segretarju Ezekuttiv iccarat li hi qatt ma kellha talba minghand is-Sinjura ghall-U bend. Is-Sur Cordina propona li l-korrispondenza tintbaghat lill-Avukat taghna. Din it-talba giet milqugha.
🗁 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ittra minghand residenta minn Triq is-Salvatur fuq parking hdejn l-Ideal Furniture. Hi qalet li ntbaghtet proposta lit-TM biex il-bays isiru parallel u qed nistennew risposta.
🗁 E-mail minghand TM rigward iz-zebra crossing fi Triq il-Linja. TM qed jitolbu li tigi z-zebra tkun konformi
🗁 Ittra minghand TM rigward approvazzjoni ta' tmexxija ta' zewg zebra minghajr ma saret konsultazzjoni mal-Kunsill. Is-Sur Pace qal li jekk ha titmexxa ha jitkisser dak it-tarmak ahmar u dan m'ghadux isir. Is-Sur Zammit ma qabilx li din titmexxa ghax ma taghmilx sens. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kollox ha jsir minn TM. Id-Dott. Gauci Baluci qalet li ghalkemm imressqa minn Helen D'Amato hi mhix konxja tal-problemi li hemm fil-lokalita'. Is-Sur Cassar qal li jaqbel li jsir upgrading imma fuq it-tmexxija ssir konsultazzjoni.
🗁 Cirkulari minghand Greenpak sabiex jigu konsultati qabel ma tohrog it-tender tal-gbir ta' skart domestiku. Is-Sur Pace qal li t-tenders huma jarawhom. Gie deciz li ssir laqgha maghhom galadarba tal-gbir tar-riciklagg se jhallsu huma sabiex jaghtu l-idejat taghhom.
🗁 Is-Sur Spiteri qal li rcieva korrispondenza li bhalha komunita' li l-iktar ingabar skart il-Kunsill inghata premju sabiex membru jitla' Brussels ghall-seminar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li nfatti qeghda fuq l-Agenda u s-Sur Cordina ha jirrapprezenta l-Kunsill Brussels ghal dan is-Seminar. Saret ukoll diskussjoni mill-Kunsill ghall-ammont ta' skart riciklat li qed jingabar u li l-hgieg huwa record. Is-Sur Pace qal li barra l-iskart riciklat jingabru wkoll tunnellati skart normali. Infatti qalet is-Segretarju Ezekuttiv ghandha rapport li familja li toqghod lejn Wied is-Sewda qed itella' boroz haxix kuljum jew Triq Hannibal jew Triq Karm Debono. Is-Sur Zammit qal li jikkonferma dan. Id-Dott. Gauci Baluci qalet li ha tifformola ittra sabiex tintbaghat lill-Familja Attard. Is-Segretarju zekuttiv qalet ukoll li Green Pak bghatula sitt elef leaflet u jekk japprovawlha tqassam dawn fid-djar. Is-Sur Zammit qal li kien laqgha mal-Onorevoli Chris Said u hu propona li l-iskart ma jingabarx kuljum u l-Kunsill jiffranka jumejn gbir fil-gimgha. Is-Sur Spiteri qal li l-Mario jafu sewwa u zgur nitilfu s-servizz perfett li ghandu H'Attard. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ahjar kulhadd jahsibha u din tigi diskussa qabel ma tohrog it-tender f'Dicembru/Jannar.

**2. PREMJU ANZJAN TAS-SENA**

Minhabba li dan l-item kien pospost fil-laqgha li saret fil-31 t'Awissu u din kienet kontinwazzjoni ta' dik l-Agenda, ghalkemm il-Kunsill ippropona lis-Sur Alfred Zammit in-nominazzjoni ma setghetx tintbaghat ghax l-applikazzjoni ghalqet nhar it-13 ta' Settembru 2010.

3. **GREEN DOT 2010**
Gie propost li l-Kunsill ikun rapprezentat mis-Sur Cordina. Ghalkemm is-Sur Pace ippropona li jitla' l-kuntrattur tal-gbir ta' skart mieghu din it-talba ma gietx milqugha.

4. **APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**
Kif intqal precedentament il-Kunsill approva x-xiri ta' laptop biex jintuza' mis-Sinjura Mifsud ghal xoghol fuq accounts u xoghol iehor tal-Kunsill li jkun jista' jitkompla d-dar u dana sabiex ma tibqax tuza taghha personali kif ilha taghmel dawn l-ahhar tlett snin.
Gew approvati wkoll il-hlasijiet normali tax-xahar u ffirmat il-ktieb tar-rimbors tal-fuel tas-Sur Stellini.

5. **PUNTI MQAJJMA**
Is-Sur Ralph Cassar ressaq dan il-punti:

- Festa Natura. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li applikat fuq zewg skemi. Wahda biex issir il-*Horticultural Show* bi shab mal-Kunsill u l-ohra biex il-Kunsill izomm Festa Natura. Din id-darba it-tema ha tkun in-natura biss u jkun hemm displays minn Gaia, Friends of the Earth etc.
- Talab sabiex jinzerghu xi sigar madwar H'Attard fosthom Wied Irmiedi, Gnien l-Istazzjon u ghaldaqstant gab *price list* minghand Gaia Foundation. Il-Kunsill laqa' din it-talba. Hu talab ukoll li jinzerghu iktar fjuri fir-roundabouts skond l-istagun.
- Saqsa fuq Sqaq it-Tut. Is-Segretarju qalet li dan sar cold asphalt temporanjament sakemm issir mill-Gvern Centrali. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-Kunsill li Elle's beda wkoll Triq il-Mingel il-bierah forsi fl-ahhar din is-saga tispicca.
- Talab li ssir laqgha ma' Meusac. Gie propost li jattendu s-Sur Spiteri, s-Sur Cassar u s-Sur Cordina u ssir il-Kunsill jew ghandhom
- Talab rendikont fuq ix-xoghol ta' Gnien Misrah Kola. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li sar il-*playground equipment* gdid, il-louvers godda, ssewwew il-kaskati, inzebghu il-bankijiet w'ghaldaqdstant ix-xoghol lest. L-ikkancellar ma jistax isir ghalissa minhabba li dan jiswa hafna flus.
- Saqsa kif bqajna fuq il-Perit ghall-barriera ta' Wied Incita. Is-Sur Pace qal li veru l-ahhar darba propona dawn iz-zewg periti imma issa li ghalqet it-tender tal-Periti l-Kunsill jista' jara x'se jkun ir-rizultat u jitqabbad l-istess Perit. Gie deciz li jsir Bord t'Aggudikazzjoni nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru f'nofsinhar.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dan il-punti:

- Talab kopja tal- *Annual Audit Report* 2007, 2008, 2009
- Saqsa jekk it-toroq madwar il-Qasam tal-Bini tal-Gvern jaqghux taht il-Gvern Centrali jew il-Kunsill. Is-Sur Pace qal li dawn jaqghu taht id-Dipartiment tal-Artijiet u originarjament kien hemm rikjesta ghall-appuntament mad-Direttur tal-Qasam tal-bini tal-Gvern li ma sarx min-naha tal-Gvern. Is-Sur Zammit sostna li kieku tinghazaq il-hamrija u jitkahhlu naqa' l-kurduni jkun ahjar.
- Saqsa meta ha tohrog l-applikazzjoni biex jigi mpjegat wiehed flok is-Sur Stellini. Hu qal li xtaq li din titnizzel fil-minuti li suppost kellha tohrog l-applikazzjoni ghax kif kien miftiehem sa l-ahhar tas-sena dan kellu jispicca. Is-sur Zammit kompla billi qal li jekk ha joqghodu jittratenu ha tispicca s-sena u tghaddi sena ohra. Is-Sur Pace qal li l-ewwel trid issir il-call bil-kriterji li jridu huma. Is-Sur Cassar qal li l-ewwel iridu jiddiskutu x'esperjenza sa jkollu u m'hemmx ghalfejn ikollu A'Levels speci ta' *working foreman*. Id-Dott. Gauci Baluci qalet li jrid jinghata cans lilhom jaghtu d-deskrizzjoni ta' kif dan ghandu jigi mpjegat u b'liema kriterji. Is-Sur Cordina qal li jkun xi jkun irid ikollu l-ghodda biex jahdem. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat il-procedura ta' kif ghandu jigi mpjegat persuna f'Kunsill, li l-ewwel trid issir internal call u jekk hadd ma japplika tintbghat lista mill-ETC ta' dawk li jkunu qed jirregistraw fuq Part II u III u wara ssir external call. Hemm ukoll l-optzjoni li jigi mpjegat by *tender* bniedem *self employed*.

Is-Sur John  ressaq dan il-punti:

- Talab rimbors tal-ispejjes li ghamel bil-karozza tieghu ghal 'Lejl ghat-Tard'.  Is-Sur Pace qal li bil-ligi ma jistax. Prezenta wkoll zewg ircevuti tal-lejl li fih il-haddiema kienu qed jahdmu biex izarmaq u hadu xi drinks.  Is-Segretarju qalet li l-Memo titkellem cara u li la huma jinghataw  €100 fix-xahar ma jistghu jitolbu kumpens ghal xejn.  Is-Sur Pace ippropona li tintbaghat e-mail lid-Dipartiment fejn jintalab dan.

Is-Sur Marko Spiteri ressaq dan il-punti:

- Ressaq talba tas-Sur Pierre Grech sabiex tizdied bicca katusa li hierga minn Gnien l-Istazzjoni ghal fuq il-propjeta' tieghu u jigi devjat minn hemm. Is-Sur Pace tenna li l-Kunsill ga rranga xi katusi u ddevjhom imma hu priciparjament qatt ma missu mar bena hemm taht ghax kien jaf x'se jkunu konsegenzi. Gie deciz li l-Perit tal-Kunsill imur jara u wara tintbghat e-mail b'rikjesta l-MEPA minhabba li l-embankment hu protett u mhux propjeta' tal-Kunsill imma devoluta biss.

## 6. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghas-27 ta' Ottubru 2010.

_________________________      _____________________

Sindku      Data